KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Disgħa u Erbgħin (49)

**It-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2018**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

## MINUTI

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**49.1 Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm ittri ta' apoloġiji. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar u l-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud informaw li ma jistawx jattendu. Dawn ġew skużati minn dawk preżenti.

**49.2 Offerta-NLC/3/2018-Resurfacing of Rural Roads in Nadur (Rural Development programme for Malta 2014-2020)**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Kien hemm tlett offerti mixħuta. Tnejn minnhom kienu kpnformi u oħra ma kenitx konformi teknikament. L-offerta li ġiet rrakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni kienet ta' Gatt Tarmac Ltd bħala l-orħos offerta konformi bl-ammont ta' €145,713.85 eskluż VAT- Lot 1-Part A,B Triq Wied Bingemma u €189,056.99  eskluż VAT – Lot 2 – Triq Xurdin, Triq l-Inzul il-Franċizi.

Is-Sindku għamel mozzjoni fejn talab lil Kunsilliera preżenti japprovaw li Lot 1 u Lot 2 tingħata lil Gatt Tarmac Ltd fuq rakommandazzjoni tal-Board ta' l-Evalwazzjoni. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issekonda din il-mozzjoni, u l-Kunsillier Micheal Camillieri qabel ukoll.

Is-Sindku innota li illum stess filgħodu infetħu l-offerti, wara iltaqa' l-Board ta' l-Evalwazzjoni u illejla l-kunsill iltaqa' b'laqgħa ta' Urġenza minħabba din l-offerta sabiex ma jintilifx żmien minħabba deadlines. Is-Sindku informa lil ARPA b'dan kollu illum.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri staqsa jekk ser jintilfu l-fondi peress li l-BOQ tal-offerta ġiet orħos min kemm kienet l-istima. Hu staqsa ukoll jekk jistawx jiġu applikati toroq oħra jew inkella aktar tul ta' tarmak fl-istess toroq applikati. Is-Sindku u S-Segretarja innotaw li hemm deadlines peress li dawn EU funded u suppost deadline kienet f'Gunju 2018 biex jitlesa x-xogħol. Is-Sindku għamel *change request form* biex jintalab li jitlesta x-xogħol f'Awissu minflok Gunju 2018. Biex issir aktar xogħol trid tinħareg offerta oħra b'BOQ oħra differenti u tieħu z-zmien u l-proċess kollu li mistenni bil-liġi u allura ikun impossibli li jintlaħħaq id-deadlines.

**49.3  Il- Tmiem tal-laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva